MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 18/2007/2

**Carmen Galea**

**v.**

**Louis sive Lewis Galea**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat fis-17 ta’ Jannar 2007, mill-attrici li jaqra hekk:

“Premess illi l-partijiet iżżewġu f’Mejju 1977 minn liema żwieġ kellhom ulied subien illum maġġorenni;

“Premess illi l-konvenut irrenda ruħu ħati ta’ adulterju, eċċessi, minaccji, inġurji gravi u krudelta` psikoloġika fil-konfront ta’ l-esponenti li wasslu biex iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment;

“Premess illi *inoltre* l-konvenut qiegħed jonqos mid-dmirijiet tiegħu ta’ assistenza billi l-attriċi tiddependi mill-konvenut għall-manteniment tagħha, u l-konvenut ilu ħafna xhur ma jgħaddi l-ebda forma ta’ manteniment b’mod illi l-esponenti m’għandhiex meżżi suffiċjenti sabiex tgħix;

“Premess illi l-partijiet ma seħħilhomx jaslu għal separazzjoni bonarja minħabba nuqqas ta’ qbil dwar il-beni u l-krediti parafernali rispettivi tagħhom;

“Premess illi l-attriċi tiddikjara li taf personalment bil-fatti kollha hawn dikjarati.

“Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

“1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizża lill-partijiet jgħixu separatament minn xulxin;

“2. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet imposti jew imponibbli *ai termini* ta’ l-artikoli 48 *et seq* Kap 16 Liġijiet ta’ Malta;

“3. Tiddikjara liema huma l-beni parafernali tal-partijiet u liema huma l-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, kif ukoll tillikwida l-krediti parafernali li għandhom il-partijiet fil-konfront ta’ xulxin u fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti;

“4. Tassenja lil kull parti l-beni parafernali spettenti lilha u tissodisfa l-krediti parafernali rispettivi tal-partijiet;

"5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet billi taqsam il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti f'żewg porzjonijiet skond id-drittjiet rispettivi tal-partijiet;

"6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-atti neċessarji f'dik id-data, ħin u lok li tiddeċiedi l-Qorti u taħtar kuraturi għall-eventwali kontumaċi u / jew jekk ikun il-każ tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni taħt l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti ta' dawk l-effetti li jirriżultaw indiviżibbli.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt in subizzjoni u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-liġi."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi filwaqt illi l-eċċipjenti jaqbel illi għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti, dan għandu jsir minħabba raġunijiet imputabbli lill-attriċi rikorrenti, senjatament minħabba adulterju, sevizzi, eċċessi u ngurji gravi kommessi mill-attriċi fil-konfront tal-eċċipjenti, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Konsegwentement l-ispejjeż tal-kawża odjerna għandhom jiġu sopportati unikament mill-attriċi rikorrenti.

"2. Illi konsegwentement, it-tieni talba għandha tiġi respinta, u *se mai* d-dispożizzjonijiet kontemplati fl-artikolu ċitat, għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-attriċi.

"3. Illi hemm qbil mat-tielet, raba' u hames talba, dwar ix-xoljiment, likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u assenjazzjoni tal-istess assi lill-partijiet kontendenti u dan skond is-sehem spettanti lil kull parti, kif ukoll dwar l-assenjazzjoni tal-assi parafernali spettanti lil kull parti.

"4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri premessi mil-Liġi."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' April 2010 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort prinċipali tal-konvenut u tort inqas tal-attriċi, u tawtoriżżahom jgħixu separatament;

"2. Tilqa' t-tieni talba;

"3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parzjalment tal-attur u parzjalment tappartjeni għall-komunjoni tal-akkwisti kif fuq spjegat;

"4. Fir-rigward tar-raba', il-ħames u s-sitt talbiet:

"Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-konvenut il-parti (nofs indiviż) formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti mibnija fuq l-art immarkata ABCD fil-pjanta fuq imsemmija d-dar konjugali, 'Dar il-Gus', Triq San Pietru, Mgarr (għal kull *buon fini* jiġi dikjarat li b'hekk il-proprjeta' kollha ssir tal-konvenut billi l-parti mhux assenjata hija ġia' proprjeta' parafernali tiegħu); b'dan li l-attriċi għandha titħallas is-somma ta' mija u ħamsa u erbgħin elf, tmien mija u ħamsa u sittin Ewro (€145,865) mill-attur għar-raġunijiet fuq imsemmija fi żmien tlett xhur minn meta jiġi ppubblikat il-kuntratt; l-attriċi tieħu l-vettura Citroen AX10 numru LAC 592 u LG *fridge freezer*, purtieri tal-B4 Textiles, il-*computer*, Queens' *washing machine*, *television* tal-kulur LG, *grandfather clock* u l-*appliances* Bosch fil-kċina; lill-konvenut il-vettura Alfa numru ABE 221 u l-Land Rover GAM 903 u l-kumplament tal-oġġetti a fol. 50 mhux imsemmija fil-porzjoni assenjata lill-attriċi, li għandha tħallas lill-konvenut is-somma ta' tliet mija u erba' Ewro u sittin ċenteżmu (€304.60) bħala ekwiparazzjoni - kopja legali tal-istess fol 50 għandha tiġi annessa mal-kuntratt ta' qasma; il-kontijiet kollha bankarji f'isem il-partijiet konġuntivament jew waħedhom, *bonds* u investimenti oħra kollha f'Malta fl-istess ismijiet u senjatament il-kont fil-bank Bank of Valletta 40010224438, 1720774001-7,

17207740017, 17202746016, 40010224438, 35207543018, 17214348020, 17214348033, u HSBC 644077357 (issa 064035249050) 614150998 (issa 061063954050), 061063954100, 061063954101 u 061063954102 iżda kull kont ieħor li jista' jirriżulta għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejn il-partijiet; taħtar lin-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg bħala kuratur tal-eventwali kontumaċja; f'każ li l-konvenut ma jħallasx is-somma imsemmija fuq l-att, għandha tiġi skritta favur il-konvenut ipoteka speċjali fuq il-fond assenjat lill-konvenut. Il-kuntratt għandu jsir fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew minn Nutar imsemmija u l-ispejjeż tiegħu għandhom jitħallsu mill-partjiet f'ishma ndaqs.

"L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu żewġ terzi mill-konvenut u terz mill-attriċi."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi kif ġia' ingħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Ma setax jonqos lanqas li waħda mill-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti għalhekk se titratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom. Hawnhekk għandu jingħad li għal xi raġuni ma hemm ebda talba għal manteniment (għalkemm saret talba tardiva *pendent lite*, ir-rikors promotur ma jinkudi ebda talba), filwaqt li t-tfal li kellhom il-partijiet miż-żwieġ huma maġġorenni u allura l-Qorti m'għandhiex deċizjonijiet x'tieħu fir-rigward.

"**TORT**

"Kif ġia' ingħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid li l-konvenut uża vjolenza fuqha diversi drabi u din il-vjolenza kienet kemm

fiżika u kemm psikoloġika. Il-konvenut da parti tiegħu jallega li martu kellha relazzjoni ma' persuna oħra u jissuspetta wkoll li għandha relazzjoni ma' mara. Esebixxa ritratti ta' martu fuq sodda ma' din il-persuna bi ftit ħwejjeġ għalkemm ma huma qed jagħmlu xejn f'dawn ir-ritratti, għalkemm f'wieħed minnhom qegħdin f'banju flimkien. Madankollu l-Qorti minkejja li dan l-aħħar ritratt huwa l-iktar wieħed imbarrazzanti għall-attriċi, tħoss li kollox ma' kollox jistgħu jkunu ritratti meħudin b'ċajt kif probabbilment huma dawk tal-istess konvenut fil-kumpanija ta' ragel ieħor liebes ħwejjeg ta' mara li ġew esebiti mill-attriċi. Fuq dan l-aspett il-Qorti propensa taqbel mal-attriċi illi dawn ir-ritratti, kemm tagħha u kemm tal-konvenut, ittieħdu biċ-ċajt. Mhux l-istess għandu jingħad għall-akkużi reċiproċi ta' infedelta' li huma għamlu lil xulxin fil-kors tal-ġbir tal-provi, għaliex hafna minn dawn l-akkużi ma ġewx ribattuti. Il-konvenut lanqas irrisponda sodisfaċentement għall-akkużi ta' swat, u għalhekk il-Qorti tħoss li huwa l-aktar li jaħti għat-tifrik taż-żwieġ.

"Għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-partijiet t-tnejn għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu f'*sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune.* **("Caterina Agius vs Benedict Agius" –** Prim' Awla – 13 ta' Ġunju 1967).

"**QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI**

"Għandu jingħad illi għalkemm l-attriċi ppreżentat affidavit u anke kontijiet ta' ċertu dettall, jidher illi dan kien kollu kemm hu xogħlha u allura ma ddistingwietx dak li huwa rilevanti għall-kawża u dak li mhux. *Oltre* dan l-Avukati rispettivi naqsu li jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet u allura x-xogħol tal-Qorti se jkun aktar diffiċli. L-attriċi esebit anke diversi dokumenti u peress li taħdem f'uffiċċju ta' *accountant* preżentat kontijiet ta' x'qalu l-partijiet fiż-żwieġ iżda dak li hu rilevanti huwa x'jeżisti illum fil-komunjoni tal-akkwisti u mhux id-dħul kollu tal-partijiet daqs li kieku ma nefqu xejn matul il-kważi tletin sena li għexu flimkien.

"Mill-ġbir tal-provi rrizultaw dawn l-assi proprjeta' tal-partijiet:

"**BENI IMMOBBLI**:

"Dar matrimonjali – 'Dar il-Gus', Triq San Pietru, l-Imgarr – stmata ħames mija u sittin elf Ewro (€560,000) mill-espert tekniku **ex parte** l-AIC Alan Saliba (fol 125 tal-proċess); peress li l-proprjeta' nbniet fuq art li parti kbira minnha kienet parafernali tal-konvenut l-istess espert tqabbad jivvaluta x-xogħol li sar u kkalkulah fl-ammont ta' tnejn u disgħin elf u seba' mitt Ewro (€92,700); ikkalkola porzjon markata PEGH għall-valur ta' mitejn elf Ewro (€200,000), oħra markata PHIJ għall-valur ta' sitt elef Ewro (€6,000), u oħra ABCDJ għall- valur ta' mitejn u għoxrin elf Ewro (€220,000). Din l-aħħar porzjoni nxtrat fl-1997 u kwindi tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Għalhekk filwaqt li l-proprjeta' hija mibnija fuq art li l-biċċa l-kbira tagħha l-konvenut akkwista ferm qabel iż-żwieġ u allura hija parafernali, il-konvenuta hija proprjetarja tan-nofs indiviż ta' din il-parti imsemmija u għandha kreditu *vis-à-vis* il-konvenut għas-somma ta' sitta u erbgħin elf, tliet mija u ħamsin Ewro (€46,350) għal nofs l-ispejjeż li ntefqu biex inbniet id-dar. In-nofs indiviż jiswa mija u għaxart elef Ewro (€110,000), u għalhekk jekk il-fond kollu jiġi assenjat lill-konvenut (kif hu l-aktar indikat billi ġia' jipposjedi waħdu parti kbira tal-art li fuqu hija mibnija) l-attriċi għandha titħallas mija u sitta u ħamsin elf, tliet mija u ħamsin Ewro (€156,350).

"**BENI MOBBLI:**

"Il-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li billi huma ta' entita' modesta għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom. Hemm imbagħad il-mobbli fid-dar li ġew stmati mill-attriċi a fol. 50 tal-proċess. Il-valutazzjoni hija aktar ibbażata fuq il-valur tal-oġġett meta nxtara milli bħala valur reali – *eccetto* għall-karozzi li għandhom l-istess valur u allura huwa xieraq li jieħdu waħda kull wieħed. Il-Qorti se taqsam l-oġġetti bil-għan li kull parti jkollha l-istess valur.

“**DEJN:**

“Il-partijiet issellfu mill-bank f’żewġ okkażjonijiet biex ilestu l-bini tad-dar; skond l-aħħar kont esebit illum dan huwa għoxrin elf, disa’ mija u sebgħin Ewro (€20,970). Id-dejn huwa tal-komunjoni u kwindi għandu jinqasam bejn il-partijiet. Sehem l-attriċi huwa ta’ għaxart elef, erba’ mija u ħamsa u tmenin Ewro (€10,485) li allura għandu jitnaqqas minn sehemha, peress li l-proprjeta’ se ssir kollha tal-konvenut li għandu jibqa’ jħallas id-dejn. L-ammont li għandu jitħallas lill-attriċi għalhekk huwa ta’ mija u ħamsa u erbgħin elf, tmien mija u ħamsa u sittin Ewro (€145,865).”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

“......thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-23 ta’ April 2010 u filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-esponenti, tichad it-talbiet tal-attrici in kwantu dawn huma inkompatibbli mal-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.”

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet ic-cahda tal-appell interpost mill-konvenut zewgha, u li din il-Qorti tvarja, timmodifika u tbiddel is-sentenza tal-ewwel Qorti billi:
“(i) Tvarja l-ewwel kap tas-sentenza appellata billi tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet tfarrak minhabba ragunijiet attribwibbli esklussivament lill-konvenut appellant;

“(ii) Tikkonferma t-tieni kap tas-sentenza appellata;

“(iii) Tikkonferma t-tielet kap tas-sentenza appellata;

“(iv) Tvarja r-raba’ kap tas-sentenza appellata billi tiddikjara (a) illi l-parti delineata bin-numri PHIJ ukoll tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, tassenjaha lill-konvenut appellant u tillikwida s-sehem spettanti lill-attrici

esponenti in konsegwenza ta' tali assenjazzjoni; (b) illi flimkien mal-flus diga` kanonizzati favur l-attrici esponenti ghandhom jizdiedu nofs il-pagamenti li saru fil-mori tal-kawza kif ukoll nofs id-depoziti bankarji prelevati unilateralment mill-konvenut appellant; u ghall-bqija tikkonferma l-istess kap;

"(v) Tiffissa retta alimentarja favur l-attrici sakemm hija jirnexxielu terga' ssib impjieg; u

"(vi) Tvarja l-kap tal-ispejjez billi tordna li l-konvenut appellant ibati l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi."

Rat ir-risposta tal-konvenut appellanti ghall-appell incidentali tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi t-talbiet attrici kif kontenuti fl-appell incidentali intavolat minnha, ghandhom jigu respinti, u dan bl-ispejjez kontra l-istess attrici appellata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Din hi kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li zzewgu fis-7 ta' Mejju 1977, mil-liema zwieg kellhom zewg ulied li illum ilkoll huma maggorenni. Iz-zewg partijiet fil-kawza jattribwixxu lill-xulxin it-tort ghall-firda, bil-mara tallega adulterju u uzu ta' vjolenza da parti ta' zewgha u r-ragel jakkuza lill-mara b'adulterju u abbandun. L-ewwel Qorti qieset li z-zewg partijiet kienu jahtu ghat-tifrik taz-zwieg, bir-ragel ikun dak li jahti l-aktar. Minn din il-konkluzjoni principali tal-ewwel Qorti, appellaw iz-zewg partijiet: il-konvenut principalment billi jargumenta li hu ma kellux jitghabba bil-parti l-kbira tar-responsabbilta` ghall-firda, u l-attrici incidentalment peress li thoss li ma kellha tigi attribwita fuqha ebda parti mit-tort ghas-separazzjoni. Wara li ddeterminat it-tort ghall-firda, l-ewwel Qorti ghaddiet biex tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti allura vigenti bejn il-partijiet, biz-zewg partijiet jappellaw minn partiti tal-qasma li hejjiet l-ewwel Qorti.

Trattat l-ilmenti tal-partijiet dwar ir-responsabbilta` ghall-firda, din il-Qorti tara’ li, kollox ma’ kollox, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi li ngabu. L-ewwel Qorti tefghet l-aktar tort fuq ir-ragel fid-dawl ta’ diversi allegazzjonijiet ta’ vjolenza mir-ragel lejn martu. Hu veru li l-attrici “ippruvat” dan fl-affidavits taghha biss, pero`, zewgha, li kellu l-opportunita` jwiegeb ghall-allegazzjonijiet ta’ martu b’affidavit, naqas milli hekk jaghmel. Hu ressaq ix-xhieda tieghu bl-affidavit, pero`, il-vjolenza kif allegata u deskritta mill-attrici ma gietx minnu kontraddetta. L-attrici xehdet mhux biss permezz ta’ affidavits, izda saritilha wkoll kontro-ezami u baqghet tinsisti fuq l-allegazzjoni taghha ta’ vjolenza. L-episodju tal-posta, meta lill-attrici wassalha habib u zewgha, meta sar jaf, irrabja, ta daqqa ta’ ponn f’wiccha u kissrilha n-nuccali, juri mhux biss nuqqas ta’ tolleranza da parti tal-konvenut, izda li kellu “idu hafifa” ma’ martu. L-imposizzjoni, wara dan l-incident, li l-attrici tiehu permess minghand zewgha biex tmur x’imkien, zied mhux ftit it-tensjoni fil-familja. Gew irrakkontati stejjer ohra ta’ vjolenza mir-ragel fuq martu. Ma hemm xejn mill-atti li jwassal biex din il-Qorti tiddubita dwar dak li allegat l-attrici, u kif inhu maghruf, hu principju li xhieda ta’ persuna wahda, jekk emnuta, tikkostitwixxi prova – aktar u aktar meta l-parti l-ohra, avvolja kellha l-opportunita`, naqset milli tirribadixxi dik il-prova.

Dwar l-akkuza reciproka ta’ adulterju, ma tirrizultax prova cara u konkluzziva ta’ dan minn ebda parti, pero`, jidher li, l-aktar lejn l-ahhar tal-koabitazzjoni taghhom, iz-zewg partijiet kellhom certa hbiberija ma’ persuni tas-sess oppost li jindika li t-tnejn spiccaw li tilfu l-fiducja f’xulxin. L-attrici, f’okkazzjoni minnhom, rinfaccjata minn zewgha b’certa hbiberija li kellha ma’ zewgt irgiel ohra, accettat li ma jkunx “hemm aktar kliem bejnietna”. Fil-kawza saru wkoll akkuzi reciproci ta’ infedelta`, u hafna minn dawn l-akkuzi ma gewx ribattuti. Kif intqal, prova konkreta ta’ adulterju ma hemmx fl-atti, pero`, jidher li z-zewg partijiet kellhom attitudni ta’ “hbiberija zejda” lejn persuni tas-sess oppost, u agir simili fil-kors taz-zwieg ma jistax jigi accettat bhala wiehed normali.

Mill-provi jirrizulta wkoll li l-attrici, li trabbiet l-Awstralja, ghamlet kwazi sentejn tghix hemmhekk ’l boghod mill-familja taghha li baqghet hawn Malta. Il-fatt li hi xtaqet tmur tghix l-Awstralja filwaqt li zewgha ma riedx, ma jintitolahiex taqbad u titlaq lejn pajjiz iehor waheda, aktar u aktar meta kien ghad fadlilha tifel minuri: it-tifel il-kbir iddecieda li jmur joqghod ma’ nanntu, waqt iz-zghir baqa’ jghix ma’ missieru. F’dik l-epoka, infethu proceduri ta’ separazzjoni hawn Malta, izda meta l-attrici giet lura Malta, zewgha accettaha fid-dar u l-proceduri gew imwaqqfa. Il-partijiet, jidher, li anke wettqu jew ippruvaw iwettqu rikonciljazzjoni, pero`, ma damux li regghu bierdu minn xulxin, u bdew proceduri godda ta’ separazzjoni li huma l-meritu ta’ din il-kawza. Jibqa’ l-fatt li dan il-komportament tal-attrici (hi damet mas-17-il xahar fl-Awstralja) ma hux wiehed li din il-Qorti tista’ tikkondividi, u avvolja wara dan it-terminu ta’ separazzjoni *de facto*, il-partijiet regghu marru joqoghdu flimkien, hija tista’ xorta wahda tqis dan l-agir fil-kuntest ta’ dawn il-proceduri godda ta’ separazzjoni (ara Artikolu 42(2) tal-Kodici Civili).

Ghalhekk, meta tqis dan l-agir tal-mara u l-vjolenza u l-ghira zejda fil-konfront ta’ martu da parti tal-konvenut, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, u cioe` li tqis iz-zewg partijiet responsabbli ghall-firda, b’dik principali, pero`, tkun tal-konvenut.

Fil-kuntest tal-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti, l-ilmenti principali tal-partijiet jiccentraw fuq il-mod kif l-ewwel Qorti iddisponiet mid-dar matrimonjali fi Triq San Pietru, l-Imgarr. L-ewwel Qorti ordnat li din id-dar tigi assenjata lill-konvenut, (peress li nbniet il-parti l-kbira taghha fuq art parafernali tieghu), b’dan li hu ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ €46,350, nofs l-ispejjez li ntefqu biex inbniet id-dar, u €110,000 nofs il-valur ta’ dik il-porzjoni art li tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti; mis-somma totali ta’ €156,350, trid titnaqqas €10,485, sehem l-attrici mis-self li kien ghad fadal x’jithallas u li kien ittiehed biex il-partijiet ilestu l-bini tad-dar.

L-ewwel Qorti, biex waslet ghall-figuri marbuta mal-valur tal-art u x-xoghol li sar, ma nnominatx perit tekniku izda strahet fuq xhieda ta' espert ex parte, perit arkitett maghzul mill-attrici. Il-konvenut jilmenta minn dan, pero`, in tema legali, il-Qorti ma kienitx marbuta li bilfors tahtar espert hi jekk jidhrilha li x-xhieda ex parte kienet kredibbli bizzejjed li setghet tistrieh fuqha. Il-konvenut jilmenta li hu wkoll kien ressaq rapport ta' perit arkitett ex parte, u l-ewwel Qorti ma qiesetx il-figuri li johorgu minn dan ir-rapport.

Kif pero`, tajjeb osservat l-attrici, dan id-dokument mhux biss ma giex ikkonfermat bil-gurament mill-perit arkitett li rregedih, izda gie pprezentat wara l-gheluq tal-provi, ftit jiem qabel ma kellha tinghata s-sentenza u minghajr awtorizzazzjoni tal-ewwel Qorti. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, ghamlet sew l-ewwel Qorti li injorat dan ir-rapport u mxiet fuq il-valuri li kienu gew konfermati mill-perit arkitett li resqet l-attrici bhala xhud espert ex parte.

L-attrici tilmenta mill-fatt li l-parti mill-art li fuqha nbniet id-dar giet meqjusa bhala formanti parti l-assi parafernali ta' zewgha, meta fil-verita` ma kienx hekk ghax ma gietx ghand zewgha b'wirt izda b'bejgh waqt iz-zwieg. Filwaqt li hu ammess li parti mill-art li fuqha nbniet id-dar matrimonjali giet mixtrija fiz-zwieg, u l-ewwel Qorti, fil-fatt, qieset u kkunsidrat dan fil-valuri li harget, l-attrici tghid li kien hemm parti ohra zghira li zewgha kien ukoll "xtara" waqt iz-zwieg u li giet meqjusa bhala parafernali mill-ewwel Qorti. Fil-verita` jirrizulta li l-parti l-kbira mill-art in kwistjoni intirtet mir-ragel minghand il-genituri tieghu, u, ghalhekk, din hi zgur assi parafernali tieghu. Hu veru li, tul iz-zwieg, dahal f'kuntratt ta' divizjoni ma' hutu, fejn qasmu l-gid tal-genituri u din l-art giet assenjata lill-konvenut, pero`, b'daqshekk ma jfissirx li l-art giet tappartjeni lilu b'xi titolu differenti minn wirt: kuntratt ta' divizjoni huwa dikjarattiv u mhux traslattiv ta' proprjeta`. Dwar il-porzjoni z-zghira, jidher li din giet assenjata lill-konvenut ghall-kompletezza tal-plot, izda din ukoll inghatat bhala parti mill-wirt tal-genituri tieghu. Il-fatt li, il-konvenut kellu jhallas somma ta' flus (Lm3,000) bhala ekwiparazzjoni, b'daqshekk ma jgibx l-assenjazzjoni tal-

art saret b'titolu ta' bejgh, peress li din il-proprjeta` giet ghandu b'mod indiviz b'wirt, u l-provenjenza kwindi tibqa' parafernali ghalih nonostante l-hlas li ghamel ghaliha wara d-divizjoni.

L-attrici tghid ukoll li l-bilanc fuq is-self li ghad fadal ma huwiex ta' €20,970, li fuqu l-ewwel Qorti hadmet meta qalet li l-attrici trid thallas sehemha ta' €10,485, imma biss ta' €14,412. Jidher li, fil-fatt, hekk hu, izda din il-prova ngiebet a konjizzjoni tal-Qorti f'dan l-istadju tal-appell, ghax l-ewwel Qorti kellha biss *statement* li jindika bilanc dovut lill-bank ta' €20,970. Il-konvenut ma jichadx dan il-bilanc, (u minhabba f'hekk biss dak id-dokument qed jigi accettat bhala prova), pero`, jissottometti li l-hlasijiet li saru lill-bank akkont ta' dan id-dejn saru minnu biss, u kwindi martu m'ghandhiex tiehu vantagg minn dan. Jibqa l-fatt, pero`, li l-hlasijiet saru meta l-komunjoni tal-akkwisti ma kienitx ghada xolta, u l-hlasijiet saru ghall-beneficcju taz-zewg partijiet u minn assi li teknikament kienu jifformaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti li sallum kienet ghada vigenti bejn il-partijiet. Sehem l-attrici ghandu, ghalhekk, jitla' ghal €149,144, peress li mis-somma dovuta lilha kif likwidat l-ewwel Qorti, ghandha titnaqqas is-somma ta' €7,206 u mhux €10,485.

Apparti dawn l-ilmenti rigward id-dar matrimonjali, l-attrici tilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ma qiesetx is-somma ta' Lm15,800 li l-konvenut zbanka fl-okkazzjoni tal-ewwel separazzjoni *de facto* tal-partijiet u li zamm ghalih. Din il-Qorti taqbel, pero`, li dawn il-flus ghandhom jigu injorati peress li, kif intwera, wara li l-attrici irritornat mill-"harba" li ghamlet l-Awstralja, marret lura toqghod id-dar ma' zewgha u ma nsistietx li dawn il-flus jigu re-depozitati fil-bank. Inoltre, tul iz-zmien li l-attrici damet l-Awstralja, zewgha kompla jiehu hsieb il-kostruzzjoni tad-dar u l-arredament taghha, u kif xehed l-konvenut, dawn il-flus kienu flus li ntefqu fuq l-istess dar u li, allura, ittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti meta llikwidat is-sehem li ghandha tiehu l-attrici mill-ispejjez li ntefqu biex inbniet id-dar.

L-attrici, fl-appell incidentali taghha, talbet li jigi likwidat favur taghha manteniment adegwat, peress li hi issa sfat *redundant* u tghix bil-beneficcju tas-sigurta` socjali. Kif tajjeb osserva l-konvenut, pero`, fir-rikors guramentat taghha, l-attrici m'ghamlitx talba ghall-manteniment, u din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju, tiftah is-smiegh tal-provi mill-gdid biex tiddeciedi fuq talba li lanqas biss ma giet proposta fil-kawza – u dan, minghajr pregudizzju, ghall-involviment taghha, ankorke f'livell sekondarju, fit-tifrik taz-zwieg. F'dawn il-proceduri, hu zgur li din il-Qorti ma tistax tidhol f'din il-kwistjoni, u jibqa rizervat lilha kull dritt *si et quatenus*.
Ghar-rigward l-ilment tal-konvenut dwar il-kap tal-ispejjez tal-kawza in prim istanza, mehud in konsiderazzjoni dak li gie osservat minn din il-Qorti, ma jidhirx li hemm lok li l-istess jigi varjat.

B'reassunt din il-Qorti tosserva li, ghalhekk, l-aggravji kollha tal-konvenut appellant qed jigu michuda, waqt li dawk tal-attrici appellata incidentalment qed jigu michuda wkoll, hlief ghar-raba' aggravju li se jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u mill-appell incidentali tal-attrici billi tilqghu biss in parte u tghaddi biex tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha <u>hlief</u> li fil-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, tordna li s-somma li ghandha tithallas lill-attrici ghandha tkun ta' €149,144 u mhux €145,865, kif hemm indikat fil-parti ezatt wara l-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali lill-konvenut.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif iddecidiet l-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu kwantu ghal dawk marbuta mill-appell principali tal-konvenut, mill-istess konvenut u kwantu ghal dawk marbuta mill-appell incidentali tal-attrici, mill-istess attrici (u dan peress li ghalkemm gie milqugh aggravju wiehed taghha, l-'izball' mill-ewwel Qorti sar ghax hi stess naqset li tipprezenta *statement* aggornat kif issa ghamlet quddiem din il-Qorti).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------